# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 649/97

Joseph Mifsud
vs
Chairman Air Malta Company Limited

Illum 18 ta' April, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b' mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn Frar 1988 u Mejju 1995, ir-rikorrent sofra ingustizzja f' li ma nghatax promozzjonijiet u li ma thalliex jahdem fuq bazi ta' 'shift'.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor, illi r-rikorrent kien ilu numru ta' snin jahdem mal-kumpanija Air Malta. Illi fil-5 ta' Dicembru 1991 ir-rikorrent kien gie mwaqqaf milli jkompli jahdem bix-

'Shift/Staggered Duties' u dan minghajr ma nghata ebda raguni valida il ghaliex kien twaqqaf. Illi minhabba din id-decizjoni li jitwaqqaf mix-Shift/Staggered Duties, ir-rikorrent tilef mal-Lm1,000 fis-sena.

Illi fil-31 ta' Dicembru 1991, kien hemm internal call for applications ghall-post ta' Manager Flight Services. Illi r-rikorrent ma giex maghzul ghal din il-promozzjoni u ghalhekk huwa ghamel objection fl-14 ta' Frar 1992, quddiem il-Bord tad-Diretturi. Illi din l-objection, ir-rikorrent kien ghamilha ghaliex din il-promozzjoni kienet inghatat lil persuna ohra li ma kellhiex esperjenza daqs ir-rikorrent. Illi fil-15 ta’ Lulju 1992, ir-rikorrent rega’ kellu interview mac-Chairman tal-"Board of Review" u dan minhabba li kienet saret l-objection. Illi hmistax-il xahar wara dan it-tieni interview lir-rikorrent qalulu li l-Board ma kienx laqa’ t-talba tieghu.

Illi wkoll fis-27 ta’ Gunju 1994 kien hemm internal call for application ghall-post ta' 'Co-Ordinator In-Flight Catering', u li r-rikorrent kellu informazzjoni illi huwa kien l-uniku persuna li applika ghal dan il-post. Ir-rikorrent kien ippretenda li peress li huwa kellu 17-il sena ta’ esperjenza f’ dan ix-xoghol u wkoll minhabba li huwa biss kien applika, allura dan il-post kellu bir-ragun jinghata lilu. Illi minkejja dan ir-rikorrent ma nghatax din il-promozzjoni.

Illi r-rikorrent ukoll kien gie mqabbad biex jiehu hsieb l-'Europa Lounge' u li minkejja li dan ma kienx xogholu huwa xorta wahda

qeda d-dmirijiet kollha tieghu u dan ghaliex kien jahseb illi xi darba ghad jigi l-promotion ta’ 'Co-Ordinator In-Flight Catering'. Illi fil-fatt din il-promozzjoni qatt ma waslet.

Illi r-rikorrent minn dejjem kien talab biex jattendi “Catering Management Courses” u sahansitra l-Management stess kien qallu biex jattendi dan it-tip ta’ 'courses'. Illi ghal xi raguni li qatt ma nghatat ir-rikorrent qatt ma thalla jattendi dawn it-tip ta' korsijiet.

Illi wkoll ir-rikorrent kien irrizenja mill-kumpanija Air Malta f'Ottubru 1995 u dan minhabba trattament ingust li huwa kien sofra.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni dan l-ilment tieghu quddiem dan it-Tribunal, lix-xhieda kollha indikati fir-rikors.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li r-rikorrent jerga’ jibda jahdem mal-Kumpanija Air Malta fil-grad ta’ 'Co-ordinator' In-Flight Catering jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ ammont ta’ kif jidhirlu xieraq dan it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tac-Chairman ta' l-Air Malta Company Limited li eccepixxa illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda stante li, kontrarjament ghal dak li qed jallega r-rikorrent, ma saret ebda xorta ta' ingustizzja fil-konfront tieghu u dana ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi ebda impjegat tas-socjeta` intimata m'ghandu dritt li jesigi li jahdem bix-'Shift/Staggered Duties', peress illi dawn jinghtaw biss skond l-esigenzi partikolari ta' l-istess socjeta`, u ghalhekk id-decizjoni ta' l-istess socjeta` li twaqqaf lill-impjegat taghha milli jkompli jahdem bix-'Shift/Staggered Duties' hija kompletament fid-diskrezzjoni taghha.

2. Illi in kwantu ghall-kariga ta' 'Manager Flight Services', ir-rikorrent ma giex maghzul ghal din il-promozzjoni stante li l-Bord kien marbut li jaghzel persuna wahda, u l-persuna li ntghazlet gabet iktar mid-doppju tal-marki li gab ir-rikorrent fl-interview li sar biex jimtela l-post u, waqt li l-persuna li ntghazlet giet l-ewwel, ir-rikorrent gie biss fir-raba' post minn sitt kandidati, kif jidher dan kollu mir-rizultati ta' l-interview ippubblikati mis-socjeta` intimata u esebit.

3. Illi inoltre r-rikorrent gia rrikorra lill-'Company Appeals Board' li cahad it-talba tieghu u ddecieda li "wara li kollox gie ezaminat, fic-cirkostanzi li ezistew jidhirli li l-appellant .... m'ghandux raguni valida ghall-appell tieghu," gja esebit.

4. Illi in kwantu ghall-kariga ta' 'Co-Ordinator Inflight Catering', ir-rikorrent qatt ma gie maghzul stante li, skond l-esigenzi kummercjali taghha, s-socjeta` intimata ddecidiet li tabolixxi din il-kariga, li ghadha ma tezistix sal-lum, u in kwantu li ma sar ebda interview ghall-istess kariga, ma jistax jinghad li kien hemm xi tip ta' diskriminazzjoni jew ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent, u lanqas li kien hemm htiega ta' interview la darba din il-kariga kienet giet abolita.

5. Illi *inoltre,* u bla pregudizzju, id-decizjoni tas-socjeta intimata li tabolixxi grad hija decizjoni purament kummercjali li tigi dettata mill-esigenzi tas-servizz, u ghaldaqstant ma tistax tigi sindikata minn ebda Tribunal jew Qorti.

6. Illi *inoltre,* wara li fl-1996, meta s-socjeta` intimata regghet iddecidiet li terga' tipprova tohloq il-kariga ta' 'Co-ordinator Inflight Catering', u saret sejha *esterna* ghall-applikazzjonijiet ghall-istess kariga, ir-rikorrent li nel frattemp kien irrizenja mis-socjeta intimata applika, u ma giex maghzul.

7. Illi r-rikorrent gja rrapporta l-kaz lill-Ombudsman Nazzjonali, izda dan ta ragun lis-socjeta` intimata (kif jidher mid-decizjoni tieghu esebita).

8. Illi sussidjarjament, u minghajr pregudizzju, r-rikorrent irrizenja mis-socjeta` intimata minn jeddu, u dan sar bil-volonta` libera u assoluta tieghu minghajr ebda involviment dirett jew indirett da parti ta' l-istess socjeta`, u ghaldaqstant ir-rikorrent

m'ghandu  ebda dritt issa li jesigi li jigi mpjegat mill-gdid, wisq inqas meta wiehed iqis illi l-kariga li jixtieq jokkupa ma tezistix u qatt ma kienet tezisti.

9. Illi *inoltre,* skond l-Artiklu 6 ta' l-Att Nru VIII ta' l-1997, it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni li jordna ri-impieg tar-rikorrent.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u ghar-ragunijiet ohra li jistghu jinqalghu waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-intimat talab lil dan it-Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra li r-rikorrentipprezenta affidavit fejn semma:

A.  Li fl-1 ta’ Frar 1988 wara li kien ghal diversi snin jitlob li jinghata kumpens f’ forma ta’ “allowance’ sabiex jaghmel tajjeb ghall-flus li tilef f’allowances li kien jaqla qabel ma gie promoss ghall-“Assistant Manager – Executive Grad 1” it-talba tieghu giet milqugha sabiex jahdem fuq sistema ta’ “Shift/Staggered Duties’ u hekk inkun intitolat ghal-“disturbance allowance” li dak iz-zmien

kien jammonta ghal Lm600 fis-sena. Fil-5 ta' Dicembru 1991 twaqqaf u ma gie moghti l-ebda raguni ghal din id-decizjoni.

B. Fil-31 ta' Dicembru 1991 harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-post ta' Manager Flight Services u ma giex maghzul ghall-post. Ir-rizultat tal-Board of Review gie ikkomunikat fit-22 ta' Ottubru 1993. Gie avzat li l-bord ma laqax it-talba tieghu.

C. Bejn l-1993 u l-1995 ir-rapprezentazzjonijiet u r-rikjesti tieghu sabiex jahdem fuq is-sistema ta' "Shift/Staggered Duties" sabiex isegwi l-operazzjonijiet fil-Flight Catering Unit u b'hekk ikun intitolat ghall-allowance ma gewx approvati.

D. Fis-27 ta' Gunju 1994, harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-post ta' "Co-ordinator In-Flight Catering'. Peress illi kellu 17-il sena esperjenza applika. Qatt ma ha ebda risposta izda fl-ahhar sar jaf li kien l-uniku applikant izda l-interview qatt ma sar.

E. Giet imwaqqfa l-Ewropa Lounge u gie moghti r-responsabilita` sabiex jiehu hsieb l-amministrazzjoni u l-operazzjoni generali ta' din il-Lounge izda ma ha l-ebda zieda jew allowance ta' dan ix-xoghol.

F. Diversi drabi talab li jattendi "Inflight Catering Management Courses" izda t-talba giet michuda.

G. Irrizenja mill-kumpanija f'Ottubru 1995 izda applika ghal sejha esterna ta' post ta' "Co-Ordinator Inflight Catering". It-talba giet michuda. Il-post ghadu vakanti.

In kontro ezami r-rikorrent qal li bhala rizultat ta' Manager Flight Services kien gie klassifikat it-3 minn 6. Semma li Oliver Titley li kien warajh l-ewwel lahaq Manager Flight Services u mbaghad lahaq head u ghalhekk minn warajh spicca zewg promozzjonjiet aktar 'il fuq minnu. Hu kien ghamel 13-il sena Assistant Manager f` dan id-dipartiment. Sa fejn jaf hu Titley li qabzu kien fil-Cabin Crew u baqa' tiela' through the ranks.

Xehed <u>Eric Galea</u> Assistant Manager mal-Air Malta u li qabel kien Assistant Officer in Flight Stores u li hadem mal-Air Malta ghal 26 sena. Xehed li jaf lir-rikorrent ghal xi 22 sena. Semma li r-rikorrent dahal mal-Air Malta bhala Assistant Officer u eventwalment sar Officer u wara sar Assistant Manager. Ix-xoghol ta' Manager Flight Services jikkonsisti f` illi jiehu hsieb bhala catering in general, jaghmel il-menus, jikkopera bejn il-catering unit u l-Air Malta, ikollu parti mill-cabin crew f` idejh bhala courses etc., biex jaghmel administration ta` dik is-section, u jiehu hsieb anke l-Europa Lounge li tahdem 24 siegha. Ir-rikorrent kien jaghmel dan ix-xoghol avolja ma kienx manager. Bejn wiehed u iehor ir-rikorrent dam jaghmel dan ix-xoghol ghal xi tliet snin avolja ma kellux il-kariga.

Co-Ordinator in Flight Catering irid jiehu hsieb bhala menus tal-ikel kollu li jmur fuq l-ajruplan, li huma diversi tipi ta` ikel,

rigward hinijiet, jara li kollox miexi tajjeb, ukoll meta kienu jikru xi ajruplani, jiehu hsieb jaghmel il-layout ta` l-ajruplan, x' tip ta' catering jiehu, equipment etc.

Minn meta telaq is-Sur Mifsud, qisu ma kien hemm hadd li kien tal-livell tieghu li seta' jmexxi u nfatti x-xoghol tqassam u nfirex fuq xi tlieta minn nies. Qal li "meta s-Sur Mifsud ma lahaqx ahna hassejniha bhala li saret ingustizzja. Ghandi nghid li kien lahaq Oliver Titley li kien parti mill-cabin crew u li mbaghad kien gie grounded u fil-fatt lahaq hu f' dik il-kariga. Ghandi nghid li fil-fatt Titley meta kien ghadu fil-cabin crew kien taht ir-rank tas-Sur Mifsud."

Joe Mifsud kien ikollu hafna x' jaqsam mal-Cabin crew specjalment ghax kien jiehu hsieb parti mir-rostering kif ukoll xoghol amministrattiv. Dwar Co-Ordinator in Flight Catering ma dehrlux li dan il-post kien gie mimli u x-xoghol kien jaghmlu s-Sur Mifsud.

Lino Sciberras Officer Flight Services u ilu jahdem mal-Air Malta ghal xi 20 sena xehed li jaf lir-rikorrent ghal xi hmistax-il sena u ghamel xi 10 snin jahdem mieghu. Hu kien jassisti lis-Sur Mifsud li kien kapaci f` dan ix-xoghol ta' Chief Pursar. L-In Flight Services kienet dipartiment wiehed ghalkemm illum inqasmu. Minfloku kien lahaq is-Sur Oliver Titley. Dan ma kien jaghmel xejn xoghol ta' administration ghax kien itir. Hu jahdem bix-swhift allowance li tlahhaq mal-Lm1000 fis-sena zgur. L-Ewropa Lounge kien jiehu hsiebha s-Sur Mifsud from A to Z. Is-Sur

Mifsud huwa specjalizzat mija fil-mija dwar dak li huwa catering. Hu kellu esperjenza kbira fid-dipartiment ghax kien jafu inside out. Lis-Sur Mifsud ma kienux hallewh jahdem bix-shift. Kien hemm anke okkazjonijiet meta kellu jintbaghat xi konferenzi u ma ntbaghatx is-Sur Mifsud.

Helen Camilleri Deputy Group Head Human Resources mal-Airmalta xehdet li dwar Staggered u Shift Duties ir-rikorrent kien jahdimhom. Meta l-kumpanija harget l-applikazzjoni ghall-kariga ta' Manager Flight Services, kienet titlob il-kumpanija li jkollhom overall knowledge tal-kumpanija u b' mod specjali tad-dipartiment li kien jirrikjedi kemm xoghol tal-Cabin Crew, kemm xoghol tal-office inkluz ta' madwar l-office l-arrangamenti ta' catering u hekk. Fil-fatt ta' min ha l-promotion li kien Mr. Oliver Titley apparti li kien ilu snin qabel ma bdiet l-Air Malta Cabin Crew u lahaq Chief Purser u zamm il-kariga ta' Chief Purser tliet snin, dan inghata l-promotion hu ghax kellu overall running. Il-kaz ta' Joe Mifsud li seta' jikkontrolla biss l-art ghax sa hemmhekk kien ghadu ha training hu u esperjenza, bhala Cabin Crew ma kien qatt, Chief Purser ma kien qatt u l-manager li riedu jikkontrolla kollox. Din kienet wahda mir-rekwiziti li jkollok knowledge ta' Cabin Crew ukoll ghax trid tmexxi lil dawn in-nies. Il-grad ta' Chief Purser hu ekwiparat ghal Managerial Grade. Chief Purser ikun jahdem fuq l-art mhux fuq ajruplan.

Fuq il-post ta' Co-ordination In Flight Catering il-kumpanija kienet qed tahseb biex taghmel re-organisation u taghmel l-In Flight Catering ghaliha u kienet harget call for application li

applika Joe Mifsud biss. Biss rat li bejn li qieghdha mal-Corinthia u dan, kellha aspetti ohra u qatt ma attwat dik l-applikazzjoni. Irrizenja s-Sur Mifsud mill-Air Malta f' Novembru 1995 u l-kumpanija aktar tard, is-sena ta' wara, regghet hasbet biex taghmel din l-organisation fejn ir-rikorrent applika minn barra. Kien hemm shortlisting u s-Sur Mifsud ma giex shortlisted. Hemmhekk rega' mar l-ombudsman fuq dan il-kaz u l-Ombudsman ma accettalux il-kaz. Il-bniedem li gie appuntat kien is-Sur Noel Falzon izda mbaghad ma kienx gie impjegat minhabba li meta gew biex jinnegozjaw il-paga, ma kienx intlahaq ftehim.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq li:

- ma nghatax ix-Shift/Staggered Duties Allowance u xi allowances ohra;
- ma nghatax il-promozzjoni ghal Manager Flight Services;
- ma nghatax il-promozzjoni jew hatra ghal Co-Ordinator In Flight Catering; talba biex jigi ordnat li r-rikorrent jerga' jibda jahdem mal-kumpanija Air Malta fil-grad ta' Co-Ordinator In Flight Catering.

***Ma nghatax ix-Shift/Staggered Duties Allowance u xi allowances ohra:***

It-Tribunal josserva li donnu l-kuncett f' mohh ir-rikorrent hi li l-paga tinghata ghax tinghata u kollox hu bazat fuq l-allowances li hu jista' jiehu. Infatti kemm fir-rikors u specjalment fl-affidavit meta wiehed janalizzah jinduna kif f' mohh ir-rikorrent kollox

jirrivolvi ruhu dwar allowances li hu seta' jiehu jew li b' xi mod tilef. Hawnhekk it-Tribunal ma jistax hlief jikkummenta dwar l-aspett negattiv li jista' jkollu l-ghoti ta' allowances specjalment f' rankijiet ta' natura gholja. Ir-rikorrent eppretenda u ghal xi zmien ottjena li wara li jiehu l-promozzjoni li fil-fatt ha xorta wahda jibqa' jiehu x-Shift/Staggered Duties Allowances. Meta hu ha l-promozzjoni ma kellux aktar dritt ghal din l-allowance u ghalkemm huwa veru li ghal xi zmien kienu tawh tali dritt dan certament ma kienx xi dritt stabbilit ghalih u certament id-decizjoni li l-kumpanija intimata eventwalment waqqfitlu dawn l-allowances ma jista' b' ebda mod jitqies bhala xi ingustizzja. Ghalhekk it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-kumpanija intimata rigward l-allowances.

***Ma nghatax il-promozzjoni ghal Manager Flight Services***:

Hawnhekk il-pozizzjoni hija totalment differenti. Ghal xi raguni li dan it-Tribunal ma jistax jara r-rikorrent ma nghatax il-hatra ta' Manager Flight Services, anqas meta mar quddiem il-Board of Review. Irrizulta minn depozizzjonijiet moghtija fil-kors tal-kawza li r-rikorrent kien jaghmel dan ix-xoghol ghal zmien twil minghajr ma fil-fatt kellu r-rank ta' hekk. Mix-xhieda ta' Eric Galea jirrizulta li ma kien hemm hadd tal-livell tar-rikorrent li seta' jmexxi u infatti mexxa x-xoghol b' mod tajjeb. Meta spicca hu x-xoghol infirex fuq tlieta minn nies. Galea stess semma li meta lahqet persuna ohra li kienet parti minn Cabin Crew din kienet saret ingustizzja u inoltre dik il-persuna l-ohra kienet ta' grad anqas mir-rikorrent. Lino Sciberras ukoll ikkummenta dwar l-ghazla ta' din il-persuna l-ohra minnflok ir-rikorrent, fahhar ix-

xoghol tar-rikorrent u bl-istess mod hassha stramba hafna li wara li r-rikorrent dam jaghmel dak ix-xoghol minghajr ma ha l-kariga f' daqqa wahda persuna minn tahtu saret hi u mhux ir-rikorrent. Ghalhekk it-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata f' dan ir-rigward u jilqa' t-talba tar-rikorrent fis-sens li messu gie moghti din il-hatra u dan kif sejjer jigi specifikat aktar 'l isfel.

***Ma nghatax il-promozzjoni jew hatra ghal Co-Ordinator In Flight Catering; talba biex jigi ordnat li r-rikorrent jerga' jibda jahdem mal-kumpanija Air Malta fil-grad ta' Co-Ordinator In Flight Catering:***

Ir-rikorrent applika darbtejn ghal din il-hatra. Darba meta kien ghadu jahdem mal-kumpanija u darba ohra minn barra. Irrizulta li fil-fatt hadd ma gie mahtur ghal dan il-post u ma hemm ebda provi sufficjenti li r-rikorrent kien il-persuna li kellha tkun f' dan il-post. Hija dritt tal-kumpanija li tiddeciedi hi fuq policies kummercjali taghha u sakemm ma jigix pruvat li saret xi ingustizzja mhux desiderabbli li t-Tribunal jiddeciedi fuq tali policies. Ir-rikorrent irrizenja minn rajh u hadd ma gieghelu. L-istess Ombudsman ma hassx li saret xi ingustizzja meta r-rikorrent ma giex moghti tali hatra. Hawnhekk it-Tribunal gie mitlub ukoll li jordna li r-rikorrent jerga' jidhol jahdem mal-kumpanija u ghalkemm jichad id-disa' eccezzjoni tal-kumpanija li sostniet li t-Tribunal m' ghandux gurisdizzjoni li jordna r-ri-impjieg ta' persuna, xorta wahda jhoss li b' ebda mod ma jista' jilqa' t-talba tar-rikorrent biex dan jerga' jibda jahdem fil-grad ta' Co-Ordinator In Flight Catering meta hu qatt ma kellu tali hatra. Ghalhekk jilqa' l-

eccezzjoni tal-kumpanija intimata u jichad din it-talba tar-rikorrent.

Illi ghalhekk irrizulta li r-rikorrent kellu ragun biss fuq it-talba tieghu dwar hatra ta’ Manager Flight Services izda f’ dan l-istadju jista’ biss jordna kumpens minhabba li r-rikorrent ma giex appuntat fl-1992 ghal din il-kariga izda b’ ebda mod ma jista’ f’ dan l-istadju jaghtih tali hatra meta hu f’ Ottubru tal-1995 irrizenja minn mal-kumpanija. Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f’dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta’ kumpens ta’ elf u hames mitt lira [LM1500].

Minhabba li uhud mit-talbiet milqughin u ohrajn le spejjez bla taxxa.